

Brussell, 20 ta' Diċembru 2018  
(OR. en)

15766/18

FIN 1045  
ASEM 12  
MAMA 235  
COEST 271  
DEVGEN 250  
CONOP 126

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|                  |                                                                                                                                                                                                                                                                             |
|------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                            |
| fi:              | 20 ta' Diċembru 2018                                                                                                                                                                                                                                                        |
| lil:             | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Nru. dok. preċ.: | 13767/18 FIN 844 ASIM 139 MAMA 169 COEST 213 DEVGEN 181<br>CONOP 117                                                                                                                                                                                                        |
| Suġġett:         | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali Nru 14/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari tal-UE: jeħtieġ li jsir aktar progress" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Diċembru 2018) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 14/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari tal-UE: Jeħtieġ li jsir aktar progress", adottati mill-Kunsill fit-3666 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Diċembru 2018.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR-RAPPORT SPEĊJALI PPUBLIKAT  
NRU 14/2018 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI INTITOLAT "IĊ-ĊENTRI  
TA' EĊĊELLENZA KIMIĊI, BIJOLOĠIĊI, RADJOLOĠIĊI U NUKLEARI TAL-UE:  
JEĦTIEĠ LI JSIR AKTAR PROGRESS"**

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 14/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) intitolat "Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari tal-UE: jeħtieġ li jsir aktar progress" u l-konklużjonijiet tiegħu, li skont dawn l-Inizjattiva tal-UE dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN hija waħda mill-ġhodod ewlenin biex jittaffew it-theddid u r-riskji CBRN minn barra l-UE.
2. Il-Kunsill jinnota li wieħed mill-oġġettivi prinċipali ta' dan l-awditu tal-prestazzjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN kien li jsir segwitu għall-azzjonijiet meħuda mis-SEAE u l-Kummissjoni biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rapport Speċjali Nru 17/2014 ("L- inizjattiva tal- UE dwar iċ- Ċentri ta' Eċċellenza tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv għall- mitigazzjoni ta' riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari li jkunu ġejjin minn barra l- UE"), li ttratta l-istabbiliment tal-Inizjattiva.
3. Il-Kunsill jieħu nota tar-Rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali li huma mfassla biex jindirizzaw in-nuqqasijiet li rriżultaw mill-awditu tal-prestazzjoni u għandhom l-għan li jsaħħu u jsostnu aktar l-Inizjattiva.
4. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni u s-SEAE implimentaw bis-sħiħ tlieta mis-sitt rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rapport Speċjali Nru 17/2014 ta' qabel, u implimentaw tnejn minnhom parzjalment. Bħala riżultat, il-pajjiżi Sħab issa huma aktar involuti fl-inizjazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti, l-organizzazzjoni fil-livell reġjonali ssaħħet u l-kooperazzjoni bejn daww li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-korpi ta' implimentazzjoni tjebet.

5. Minkejja l-progress miksub, il-Kunsill jirrikonoxxi l-konklużjoni tar-Rapport Speċjali li għad baqa' ħafna sfidi. Jiġifieri, skont ir-Rapport Speċjali, għad trid tiġi implimentata prijoritizzazzjoni bbażata fuq ir-riskju; Il-governanza tas-CBRN u l-kooperazzjoni reġjonali żdiedu iżda għad baqa' ostakli importanti; u jeħtieġ li jiġu rinfurzati l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Skont il-QEA, jeħtieġ ukoll aktar progress fl-involviment tad-Delegazzjonijiet tal-UE u fir-rapidità tal-implimentazzjoni tal-proġetti.
6. Għaldaqstant, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jimplimentaw r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA, b'mod partikolari li:
- jiprijoritizzaw l-attivitajiet fuq il-bażi ta' valutazzjoni sistematika tar-riskji;
  - isaħħu d-dimensjoni reġjonali tal-Inizjattiva;
  - ikomplu jsaħħu r-rwol tad-Delegazzjonijiet tal-UE fl-Inizjattiva;
  - jidentifikaw is-sinerġiji potenzjali u sorsi oħra ta' finanzjament disponibbli;
  - iżidu l-obbligu ta' rendikont u l-viżibbiltà tal-attivitajiet u tar-riżultati permezz ta' monitoraġġ u evalwazzjoni aħjar;
  - ibiddlu kompletament il-portal ibbażat fuq il-web biex ikun hemm aċċess faċli għall-informazzjoni kollha li tirrigwarda l-attivitajiet tal-Inizjattiva.
7. Fl-aħħar nett, il-Kunsill qed jistenna b'interess li jirċievi aktar aġġornamenti dwar l-implimentazzjoni u l-eżitu tal-proġetti sostnuti mill-Inizjattiva tal- UE dwar iċ- Ċentri ta' Eċċellenza CBRN.
-